# Minn Fuq L-Irdum

Min fuq l-irdum
smajt il-karba tal-baħar taħti
smajt il-għajta ta' gawwi
li smajt l-istess
elf sena ilu;
ħassejt ħaxix ix-xagħri
jagħraxli qiegħ riġlejja.
u n-nifs ta' nagħġa mqanfda
bħal żiffa sħuna
jitlajja ftit u jilgħab ħdejja.
Ġo sider l-art
xammejt elf fwieħa mżewqa,
u ħassejt dirgħajn sħan iħaddnuni
u f'nagħsa jbennuni.

Qomt f'inżul ix-xemx
u mxejt b'kewkba fuq rasi
għal wens ta' oħra ġo musbieħ.
Illum imxejt,
u ntlift belgħani
f'serbut ta' dawl jikinsu t-triq.

**JANE CORTIS.**